**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 ta' Gunju 2023**

**<u>Rikors nru : 166 /2021 AGV:</u>**

**JM**

**Vs**

**KC**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors guramentat ta' JM , li ppremetta s-segwenti:-**

1. Il-kontendenti zzewgu nhar it-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed (2001).

2. Miz-zwieg tal-kontendenti , twieldu zewg ulied, C – li twieldet fis-sebgha u ghoxrin (27) ta‘ Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) u K li twieled fis-sebgha u ghoxrin ta‘ Dicembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) u allura t-tnejn ghadhom minorenni.

3. Il-kontendenti nfirdu personalment in forza ta‘ att pubbliku datat l-ewwel ta‘ Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) in att tan-Nutar Dottor Timothy Ellis( Dok. A).

4. L-att pubbliku premess gie sussegwentament emendat in forza ta‘ Att pubbliku datati t-tmienja u ghoxrin (28) ta‘ Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) in atti tan-nutar Dottor Clinton J. Bellizzi (Dok B).

5. Fuq dan l-ahhar att pubbliku l-kontendenti ftehemu illi:-

   Il-missier qieghed jobbliga ruhu li jhallas is-somma ta‘ hames mitt euro (€500) fix-xahar bil-quddiem bhala manteniment komplessiv ghaz-zewgt itfal minuri C li twieldet fis-sebgha u ghoxrin ta‘ Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) illum ghandha erbatax- il sena (14) u K li twieled fis-sebgha u ghoxrin ta‘ Dicembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) u li llum ghandu tnax-il sena, ahwa M u cioe‘ mitejn u hamsin Euro (€250) fix-xahar bil-quddiem ghal kull wild .
   Din is somma tinkludi l-kontribut tal-Missier ghall-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri.

   Il-missier jobbliga ruhu inoltre li jhallas nofs l-ispejjez medici straodinarji tal-minuri ghal dawk it-trattamenti / interventi / kura li mhuwiex provduti mill-istat.

Il-manteniment hawn fuq stipulat jibqa' dovut sakemm l-ulied jilhqu l-eta' maggorenni jew jibdew jahdmu fuq bazi full-time, skond liema eventwalita' tavvera ruhha l-ewwel. Fil-kaz li jilhqu l-eta' maggorenni, il-manteniment jibqa' jithallas sakemm l-ulied jaghlqu l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jew jtemmu l-istudji taghhom skond liema eventwalita' tavvera ruhha l-ewwel.

Illi l-manteniment ghandu jidhol direttament kull l-ewwel jum tax-xahar fil-kont bankarju tal-Omm bin-numru zero, erbgha ,erbgha, zero, sitta,sitta, tnejn, hamsa, sitta, zero, hamsa, wiehed, (044 066256 051), mal-HSBC Bank Plc, illi inoltre dan il-manteniment hawn fuq stipulat ghandu jizdied biss u bl-ebda mod iehor hlief skond l-indici tal-gholi tal-hajja, liema zieda ghandha tigi fis-sehh kull sentejn mid-data ta' dan il-att.

Kull buon fini l-partijiet qeghdin jaqblu illi dan il-ftehim jissuprasjedi d-digriet tal-Onorabbli Qorti Civili ( Sezzjoni tal-Familja) moghti fid-disgha (9) t'Awwissu tas-sena elfejn u sittax(2016).

6. Fil-prezent u tenut kont dejjem il-potenzjal lavorattiv limitat tal-esponenti, dan tal-ahhar ghal ragunijiet tas-sahha relatati ma daru , ma jistax ikompli jahdem.

7. L-esponenti fil-fatt sa Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) kien jiggestixxi grocer store, liema negozju ghal ragunijiet lil hinn mir-rieda tieghu, huwa kellu jtemm u jaghlaq. Sussegwentement, f'Dicembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) l-esponenti sab impjieg bhala replacement/ standby ambulance driver and transport assistant, impjieg li minhabba l-

istat ta sahhtu huwa ma rnexxielux izomm oltre Mejju tas-sena kurrenti (2021).

8. Prezentement ir-rikorrenti jinsab dizokkupat huwa ghalhekk impossibbli ghalih li jottempera ruhu mal-obbligi minnu assunti fuq l-att pubbliku datati t-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Frar tas-sena elfejn u sbattax (2017) in atti tan-Nutar Dottor Clinton J. Bellizzi fir-rispett tar-retta alimentari pagabbli versu l-htigjiet ta uliedu.

9. Ir-rikorrenti pprova kemm-il darba jilhaq ftehim mal-intimata , senjatament permezz tal-process ta’ medjazzjoni , l-intimata pero’ fl-intransigenza taghha dejjem xekklet kwalunkwe possibilita’ ta’ ftehim, ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

10. Ir-rikorrenti gie debitament awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti jipprocedi b’din il-kawza ai termini tad-digriet numru 852/2021 datat dsatax (19) t’April tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) ( Dok C).

11. Ir-rikorrenti jaf personalment b’dawn il-fatti kollha.

**Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa opportuna:-**

1. Thassar u tannulla il-klawsola intitolata <u>MANTENIMENT</u> fl-att pubbliku datat it-tmienja u ghoxrin ta’ Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) in att tan-Nutar Dottor Clinton J Bellizzi.

2. Okkorendo thassar u tannulla, il-klawsola enumerata 3(d) u (e) fl-att pubbliku datat l-ewwel ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) in atti tan-Nutar Dottor Timothy Ellis.

3. Konsegwentament tiffisa retta alimentari ridotta, dovuta mir-rikorrenti versu l-htigijiet ta' uliedu, C u K ahwa M liema retta alimentari tiehu qies tal-mezzi tar-rikorrenti, tal-hilijiet tieghu, fuq kollox l-istat ta' sahha tieghu u dan skont dawk il-modalitajiet illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi.

**Bl-ispejjez kontra l-intimata li hjia minn issa ngunta in subizzjoni.**

**Rat ir-Risposta Guramentat ta' KC li ecceppiet is-segwenti :-**

1) Illi fl-ewwel lok qieghed jigi ddikjarat mill-eccipjenti li l-manteniment ghal-ulied il-partijiet C u K ahwa M , hu regolat mill-kuntratt datati t-tmienja u ghoxrin ta' Frar elfejn u sbatax(28/02/2017) in atti n-Nutar Dottor Clinton J Bellizi, u mhux mill-kuntratt tas-separazzjoni tal-partijiet l-ewwel ta' Frar elfejn u ghaxra (01/02/2010) in atti n-nutar Timothy Ellis, u dan stante li kienet saret emenda ghall-kuntratt ta Separazzjoni tal-partijiet ghal dak li jikkoncerna l-manteniment ghall-uliedhom, u dan wara li kien hemm qbil dwar il-*quantum* tal-manteniment mill-istess partijiet, liema *quantum* hu dak ta' hames mitt Ewro (€500) fix-xahar ghaz-zewg ulied **inkluzi l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni,** ossia mitejn u hamisn Ewro €250) fix-xahar ghal kull wild.

2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suicitat dak li qieghed jitlob r-rikorrent ma hu xejn hlief tentattiv pwerili iehor, mill-bosta li ilhu jaghmel tul tas-snin, sabiex jara kif jehles mill-obbligu tieghu li jissomministra l-manteniment ghaz-zewg uliedu, C  u K  ahwa M.

3) Illi dak li hemm riportat fir-rikors gurament at tar-rikorrent hu kollu invertier u l-istess rikorrent, J M  irid li jisvija lil din l-Onorabbli Qorti billi jipprova jpingi lilu nnifsu bhala li mhux kapaci jahdem u dan bl-iskuza li ghandu problema ta' sahha meta dan mhux il-kaz.

4) Illi fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrent, huwa kapaci jiggenera ntrojtu li jippermettilu jhallas kommodament l-ammont pattwit li, kif ukoll ammont oghla u li jkun izjed xieraq biex ulied il-kontendenti jkunu jistghu jghixu ahjar.

5) Il-manteniment li hu obbligat ihallas ir-rikorrenti ghaz-zewg uliedu, ossia l-ammont ta' hames mitt Ewro(€500) fix-xahar li jinkorporaw ukoll l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-istess ulied ma huwiex bizzejjed biex tkopri l-htigijiet bazici tal-ulied.

6) Illi b'dak li qieghed jitlob ir-rikorrenti l-eccipjenti titpogga f'pozizzjoni finanzjarja prekarja stante li tinsab fl-impossiblita' li taghmel tajjeb ghan-nuqqas tar-rikorrent, u jkompli jzid aktar tbatija u sagrificcji finanzjarji lill-istess eccipjenti, u dan kif ilha tbati ghal aktar mis-sena minhabba l-inadempjenza fil-hlas tal-manteniment da parti tar-rikorrenti.

7) Illi l-ispejjez ta' din il-kawza odjerna ghadhom jigu sapportati fl-intier taghhom esklussivament mir-rikorrent, u dan stante il-kawza saret b'mod frivolu u vessatorju, u dan ghar-ragunijiet sopra citati.

Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra r-rikorrent Joseph Muscat, minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**<u>FATTI</u>**

Il-partijiet izzewwgu fit-3 ta' Novembru, 2001 u kellhom zewgt itfal C u K, illum maggorenni. Ghalkemm l-attur jikkonferma li m'ghandux kuntatt ma' uliedu u lanqas kien jaf jekk illum humiex qed jistudjaw, il-konvenuta kkonfermat li t-tnejn li huma qed jistudjaw l-MCast. Elaine Attard in rapprezentanza tal-Mcast ikkonfermat li C M hija studenta hemmhekk isegwi l-kors ta' Advanced Diploma in children's Care Learning and Development.

Fl-1 ta' Frar, 2010, il-partijiet kienu sseparaw b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Timothy Ellis, liema kuntratt gie emendat fit-28 ta' Frar, 2017 fl-atti tan-Nutar Dr. Clinton Bellizzi. Kienu emendaw il-kuntratt peress li l-konvenuta riedet izzid l-ammont ta' manteniment minn €230 ghaz-zewgt ulied ghal €500, inkluz l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Il-konvenuta tghid li kienet talbet li ssir amenda fil-kuntratt peress li t-tfal bdew jikbru u l-ispejjes zdiedu. Izzid tghid ukoll li l-attur qatt ma hareg sehemu ghall-

ispejjes straordinarji tas-sahha u kien jaghti biss is-sehem tieghu ghall-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Dak iz-zmien, l-attur kien jiggestixxi hanut tal-grocer li kellu b'kera u kien imexxih wahdu, liema negozju waqfu konsegwenza tal-Covid 19 f'Novembru, 2020. Bejn Dicembru, 2020 sa Marzu, 2021, kien sab impjieg bhala *reliever* ghax-xufiera tal-ambulanzi, izda kien minghajr roster u shifts fissi.

Jammetti li kien  ilu zmien twil ibati b'dahru, izda ghall-habta ta' Novembru, 2020 il-problemi bdew jizdiedu u aggravaw f'Marzu, 2021 u dan meta kellu incident waqt li kien qed igorr pazjent u cedielu dahru u waqa'. Wara li tkellem ma' Dr. Michael Gonzi, dan kien irreferih lil Dr. Massimo Abela u kien ordnalu ukoll li jaghmel MRI minn fejn irrizulta li kien qed ibati minn artrite.

Minhabba sahhtu kellu jieqaf mix-xoghol bejn il-11 ta' April, 2021 sal-20 ta' Settembru, 2021 u tul dan il-perjodu ma kellu l-ebda introjtu.[1] F'Mejju, tal-istess sena, il-konvenuta kienet harget mandat ta' sekwestru fuqu u salbitu izjed.

Minhabba li l-kundizzjoni ta' dahru zdied u anke l-eta' llum, huma kollha fatturi kontrih li jimpeduh u jillimitawh fix-xoghol li jista' jaghmel u ghalhekk qed jitlob ir-riduzzjoni tal-manteniment.

Il-paga tieghu hija ta' cirka €1000 - €1200 fix-xahar, li minnhom €500 imorru bhala manteniment ghall-uliedu u l-bilanc juzah ghall-bzonnijiet u l-hajja ta' kuljum, izda llum wasal fi stat fejn ma jistax ilahhaq b'dawn l-ispejjes.

[1] Dok. F mal-affidavit tal-attur

Permezz ta' nota fl-atti tar-rikors li pprezentat il-konvenuta fit-23 ta' Gunju, 2016, hemm ikkonferma li hu jahdem bhala xufier mal-Malta Public Transport u gieli jahdem overtime u skond FS3 (2015) l-introjtu tieghu kien jammonta ghal €20, 189. Spjega ukoll li jahdem fil-biedja ukoll u mid-dhul tieghu li jammonta ghal €10, 658.08 ghall-perjodu tas-sena 2015/2016, hemm diversi spejjes li jridu jitnaqqsu u ghalhekk jirrizultalu li l-introjtu nett mill-biedja jammonta ghal cirka €5000 fis-sena. In kontro-ezami, l-attur ighid li m'ghadux jahdem fir-raba u meta kien kien anke jbiegh il-pitkalija. Kien hemm zmien fejn hadem parti biss mir-raba. Il-konvenuta tikkonferma dawn l-impjiegi u li l-attur ghandu xi tnax-il tomna raba. Ma' dan il-konvenuta tghid ukoll li fis-sena 2015, l-attur iddikjara introjtu ta' €22, 852.[2]

Il-konvenuta tinsisti li l-attur minn dejjem ma riedx ihallas manteniment u mhux minnu li ghandu problemi ta' sahha. F'Ottubru, 2020 kien waqaf hesrem ihallas il-manteniment. Kellu l-arretrati li hallas meta wehel il-habs u tghid li kien hemm arretrati ohra u kien ghalhekk li kellha tohrog mandat ta' sekwestru u kienet biss harget il-kontro-mandat wara li hallas kollox.

Ipprezentat ukoll ricerki li jikkonfermaw li l-attur ircieva diversi artijiet u immobbli permezz ta' donazzjonijiet.[3]

Il-konvenuta tikkonferma li hi tahdem bhala senior officer il-Bank.

**Dr. Michael Gonzi,** tabib kuranti tal-attur ikkonferma li kien raH frekwentement dan l-ahhar, minhabba li l-attur ilmenta bi problemi f'dahru. Mill-X-Ray li kien ghamillu kien irrizulta li kellu xi problema f'wahda mir-rukelli f'dahru. Mill-MRI li saritlu rrizulta li ghandu problemi

[2] Dok. A fl-atti tar-rikors tat-23 ta' Gunju, 2016
[3] Dok. KC 1

f'dahru li jimpeduh milli jaghmel xoghol ta' strapazz bhal jahdem fil-kostruzzjoni jew fir-raba.

**Gertrude Scerri**, in rapprezentanza ta' Mater Dei pprezentat il-file mediku tal-attur.[4]

**Dr.Massimo Abela** permezz ta' email mibghut minnu stess ikkonferma li l-attur ibati minn tibdiliet degenerativ fl-ispina tad-dahru.

**Louis Buhagiar**, in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-employment history ta' Cherise Muscat.[5]

**MC** , habib tal-attur ikkonferma li l-attur jahdem mieghu isuq minibus u dan minn April, 2022. Jikkonferma li martu u l-konvenuta huma ahwa. Ipprezenta l-FS 3's.[6]

## KONSIDERAZZJONIJIET

Il-partijiet isseparaw skond kuntratt ta' separazzjoni fl-1 ta' Frar, 2010 fl-atti tan-Nutar Timothy Ellis, fejn kien hemm stipulat li l-attur kellu jhallas €230 ghal kull wild. Permezz ta' kuntratt iehor datat 28 ta' Frar, 2017, fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi l-istess manteniment gie awmentat ghal €500 ghaz-zewgt ulied, liema ammont jinkludi fih l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

L-attur qed jitlob li l-istess manteniment jigi ridott u ghalhekk l-istess klawsola tigi kkancellata u dan minhabba li l-introjtu tieghu naqas sostanzjalment minhabba li ghandu problemi ta' ftuq u anke f'dahru li ma jippermettulux jaghmel xoghol ta' strapazz.

---

[4] Dok. GS 1
[5] Dok. LB 1
[6] Dok. MC 1

**<u>Applikazzjoni tal-ligi</u>**

Dina l-Qorti diga’ kellha l-opportunita’ f’diversi okkazzjonijiet sabiex tenuncja ruhha fuq talbiet ta’ varjazzjoni jew bdil f’kuntratt ta’ separazzjoni u dina l-Qorti ddistingwit bejn bdil mitlub f’sentenza tal-Qorti fuq manteniment, u dak mitlub f’kuntratt konsenswali, jew kif inhi ahjar maghrufa f’termini legali “is-separazzjoni bonarja.”

Gie ritenut kemm il-darba li l-kuntratt konsenswali li jsir bejn il-konjugi jirregola s-separazzjoni taghhom u jekk kemm il-darba ma jikkontemplax mod iehor, il-kundizzjonijiet u pattijiet hemm kontenuti jirrapprezentaw ***“pacta sunt servanda.”***

Il-gurisprudenza nostrana zammet ferm li bhala regola ferma japplika l-principju *pacta sunt servanda* li jaghti forza ta’ ligi lil dak li jkunu ftehmu l-partijiet, salv ghad-dritt tal-qorti li tintervjeni f’vertenzi li jirrigwardaw lill-minuri. Dan il-principju huwa rifless fil-ligi taghna fejn l-Artikolu 992 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

***“(1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta’ ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.***

***(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta’ xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi.”***

***"Il-gurisprudenza ricenti hi fis-sens li, minkejja dak miftiehem f'kuntratt ta' separazzjoni u li jolqot biss il-partijiet, jistghu jezistu cirkostanzi "ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-attur li gabuh fl-impossibilita' li jhallas retta alimentali [pattwita] allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni."[7] Dan hu hekk fl-interess tal-ordni pubbliku, li jipprevali fuq kull ftehim li talvolta jkun sar bejn il-partijiet kontraenti. Ghalhekk sabiex din l-eccezzjoni ghar-regola tkun applikabbli, jehtieg li min ikun intrabat kontrattwalment li, jesegwixxi obbligu, biz-zmien isib ruhu fl-impossibilita' estranea ghall-volonta' tieghu li jkompli jesegwixxi dak l-obbligu tieghu."[8]***

Hekk ukoll f'sentenza ohra fl-ismijiet **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg,**[9]l-Qorti tal-Appell osservat li minn jitlob varjazzjoni tal-obbligu ta' manteniment ghandu jgib provi "***cari, oggettivi u inekwivoci***" sabiex jikkonvinci lill-Qorti illi l-intervent taghha huwa mehtieg.

Fil-mertu, ghalhekk, in linea generali, f'kull kawza fejn it-talba hi ghall-varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, l-oneru tal-prova huwa gia' wiehed gholi. Meta l-varjazzjoni mitluba tirrigwarda l-obbligu tal-hlas tal-manteniment, meqjus bhala li jaqa' fil-kamp tal-ordni pubbliku, il-Qorti tqis li l-oneru tal-prova mehtieg ghas-success ta' azzjoni bhal dik odjerna, huwa wiehed massimu.

---

[7] App.Civ. Nru. 2479/1996 deciza 16 ta' April, 2004 Alfred Grech vs Pauline Grech pro et. noe.
[88] App.Clv. Nru. 24/15 deciza 31 ta' Mejju, 2019 Moses Briffa vs Nathalina Briffa
[9] App. Civ. Deciza 30 ta' Novembru, 2012.

Il-Qorti kellha dan xi tghid dwar il-bilanc li jrid jinstab bejn il-principju fondamentali "***pacta sunt servanda***" u l-principju l-iehor daqstant importanti "***ad impossibilia nemo tenetur***":-

***"Dan il-principju jsib il-bazi razzjonali tieghu "fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet." Fi kliem iehor, f'materja ta' revizjoni ta' manteniment pattwit, filwaqt li ghandu japplika l-principju generali regolanti l-materja ta' kuntratti, ghandu japplika ukoll, bhala deroga mill-istess, il-principju "ad impossibilia nemo tenetur," li jifforma r-"ratio legis" tad-dispost tal-Artikolu 985 tal-Kap.16 li, inter alia, jistipula li hwejjeg impossibbli ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt."***

***"Jinkombi ghalhekk fuq min jitlob il-varjazzjoni tal-obbligu ta' manteniment, id-dover assolut li jressaq provi cari, oggettivi u inekwivoci biex jikkonvinci lill-Qorti, altrimenti l-Qorti tkun qed tippermetti li stipulazzjonijiet tant serji u delikati f'kuntratti pubblici bhalma huma stipulazzjonijiet dwar obbligu ta' manteniment tal-konjugi jew tal-ulied, jigu soggetti ghall-tibdil bl-iktar mod facli u espedjenti. L-Artikolu 21 tal-Kodici Civili, fuq citat, zgur mhux intiz biex jakkomoda piki u kapricci, izda fejn jirrizultaw verament ragunijiet serji u gravi li jiggustifikaw tibdil fil-patt kuntrattwali ghall-hlas ta' manteniment, dan ghandu jigi premess.***

***Gie ukoll ritenut mill-Qorti tal-Appell illi "…..jinsab assodat fil-gurisprudenza patria li iktar milli bdil fic-cirkostanzi b'mod generali, it-test dwar jekk ghandux jigi ridott manteniment stabbilit lil wiehed mill-***

***konjugi jirrikjedi ezami komparattiv dwar kambjamenti fil-mezzi tal-konjugi obbligat li jhallas il-manteniment u l-bzonnijiet tal-konjugi li ghandu dritt jircevihom."Edward Galea vs Josephine Galea – 15.05.1998)"***[10]

Ghalhekk, dina l-Qorti trid tezamina u tevaluwa li l-provi prodotti mill-attrici huma **cari, oggetti u inekwivoci** bizzejjed sabiex jiggustifikaw revizjoni fil-*quantum* ta' manteniment dovut mill-konvenut.

Mhux kontestat li l-attur kellu problemi f'daru u l-istess tabib kuranti tieghu Dr. Michael Gonzi kien irreferih ghand specjalista. Irrizultalu mill-X ray li ghamillu li kellu problemi b'rukkell f'daru u dan kien jirrikjedi li jistrieh u ma jaghmilx xoghol ta' strapazz bhal xoghol ta' kostruzzjoni, kif ukoll fir-raba.

L-attur kien ghamel zmien jiggestixxi hanut tal-grocer, imma minhabba l-pandemija tal-Covid kien spicca biex ghalaq il-hanut. Kien ghamel zmien jahdem bhala *reliever* mal-ambulanzi, izda ma kellux *shifts* u lanqas *overtime*. Kien biss meta kien beda jahdem mal-Malta Transport Authority bejn is-snin 2012 sas-sena 2019 bhala xufier fejn l-introjtu tieghu kien zdied minn €18, 438 ghall-€26, 289 fis-sena u kien ghalhekk li accetta li jzid il-manteniment ghal €500 kif hemm fil-kuntratt tal-2017, kif emendat.

Bhala gustifikazzjoni ghat-talba tieghu biex jirriduci l-manteniment, l-attur ressaq provi dwar l-introjtu prezenti tieghu, fejn jahdem bhala xufier ma' M C li huwa mizzewweg lil oht il-konvenuta u li prezentement ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni minn maghha. C pprezenta l-FS3 tal-ahhar

[10] Qorti tal-Familja DXN vs WO deciza 6 ta' Dicembru, 2017

sena fejn ghall-perjodu bejn April, 2022 sa Settembru, 2002 (sitt xhur), l-introjtu tieghu kien ta’ €4947 gross li jfisser jircievi paga ta’ €951.60 fix-xahar.

Mhux kontestat li l-attur kien jircievi introjtu mir-raba li kien ihaddem u bejn 2015 u 2016 jirrizulta li dahhal €10, 658.[11] Illum ighid li  mhux qed jahdem f’din ir-raba u fadallu bicca zghira ghax hafna minnha nbieghet. Biex tirribatti ix-xhieda tal-attur, il-konvenuta pproduciet diversi ritratti fejn jidher l-attur jahdem fl-istess raba tieghu.

L-attur jikkontesta dawn ir-ritratti esebiti peress li d-data meta ttiehdu nkitbu skond kif deherilha l-konvenuta u ghalhekk ma jissostanzjawx il-perjodu meta effettivament kien qed jahdem hemmhekk. Skond il-konveuta dawn ittiehdu is-sena l-ohra. L-attur ighid li dak iz-zmien kien hadem bicca raba ghax kien inserta hemmhekk u ddecidew li jhawlu ftit patata. Il-konvenuta tikkonferma li dan l-ahhar ma ratx lill-attur hemmhekk.

Il-posizzjoni dwar xogholu fir-raba ma tirrizultax cara u dina l-Qorti mhix konvinta ghal kollox li l-attur inqata’ ghal kollox minn dan ix-xoghol u dan izjed u izjed meta l-konvenuta ressqet provi li kemm il-darba l-attur kien moruz fil-pagamenti tal-manteniment sa anke wehel il-habs u dan ipoggi l-attur f’dawl dubbjuz. Dawn il-provi ma gewx kontradetti mill-attur.

Sabiex jigi ridott il-manteniment jehtieg bdil fic-cirkostanzi li jwasslu ghat-tnaqqis b’mod gustifikabbli fl-introjtu ta’ dik il-persuna. Il-konvenuta pproduciet diversi ricerki fuq l-attur minn fejn jirrizulta li nghata diversi proprjetajiet f’San Pawl il-Bahar b’donazzjoni minghand ommu ta’ certu valur.[12] Ghalhekk, semmai l-assi tal-attur zdiedu mhux naqsu . Fost dawn

[11] Fol.182
[12] Fol.198 dok. KC1

il-proprjetajiet hemm ukoll garaxx tal-valur ta' €30, 000 li certament jista' jinbiegh jew jinkera.

Ghaldaqstant, mil-assjem tal-provi, dina l-Qorti mhix konvinta li hemm ragunijiet li huma cari, oggettivi u inekwivoci bizzejjed sabiex jikkonfermaw it-talbiet ta' riduzzjoni tal-manteniment.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti tichad it-talbiet attrici kif dedotti.

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.**

**Onor. Imhallef Anthony.J. Vella** **Registratur**